**Stqarrija għall-Istampa mill-Bord tal-Inġiniera**

Il-Bord tal-Inġiniera (Bord) jilqa' b'sodisfazzjon id-digriet maħruġ mill-Qorti Ċivili , li ċaħdet it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni mressaq mill-Malta Association of Professional Engineers (M.A.P.E.). It-talba kienet immirata biex twaqqaf lill-Bord milli jikkunsidra applikazzjonijiet marbuta mal-warrant tal-Inġinier maħruġa skont l-Att dwar l-Inġiniera (Kap. 321 tal-Liġijiet ta' Malta) lil dawk il-gradwati tal-MCAST li jissodisfaw ir-rekwiżiti.

Il-Bord tal-Inġiniera jtenni li d-digriet tal-Qorti jiġġustifika l-validità tal-proċess u d-deċiżjoni tiegħu, li huma bbażati fuq valutazzjoni estensiva u indipendenti. Din il-valutazzjoni saret minn ASIIN Consult GmbH, aġenzija rinomata Ewropea, li fost affarijiet oħra tispeċjalizza fl-iċċertifikar ta' istutzzjonijiet edukattivi, u li ikkonkludiet li il-programmi tal-Baċellerat (Hons) fl-Inġinerija, kif riveduti mill-MCAST, huma tal-istess livell u f'konformità sħiħa mal-istandards Ewropej għall-edukazzjoni tal-inġinerija fil-livell ta' Baċellerat. Fil-każ ta' studenti li kienu li temmew b'suċċess il-programmi ta' qabel saret ir-reviżjoni, l-istess aġenzija kkonkludiet illi dan il-livell jista' jintlaħaq permezz ta' kors addizzjonali ta' Kwalifikazzjoni ta' Qabel il-Warrant (Pre-Warrant Qualification Course).

Kien abbażi ta' dan l-eżerċizzju impenjattiv u rigoruż, u li wasal għal dawn il-konklużjonjiet, li il-Bord, permezz tal-funzjonijiet statutorji tiegħu, iddetermina li gradwati tal-MCAST minn dawn il-programmi riveduti huma eliġibbli biex japplikaw għall-warrant tal-Inġinier.

Il-Bord tal-Inġiniera jibqa' impenjat li jħares u jassigura l-ogħla standards għall-professjoni tal-Inġinerija f'Malta, kif inhu mitlub mill-Att (Kap. 321). Dan isir billi jiġi żgurat li, fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, jaġixxi b'mod indipendenti u imparzjali halli jassigura li l-kandidati kollha li jidhru quddiemu sabiex jingħataw il-warrant ta' Inġinier ikunu jissodisfaw il-kriterji kollha meħtieġa skont il-liġi.